SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU AD HOC**

**22 ta' Awwissu, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.55 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Vici Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

Kienet ukoll prezenti il-Membru Alfred Mangion f'isem ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Violet Bajada minhabba ragunijiet ta' sahha.

Il-Kunsill approva l-agologija taghha.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

L-Agent Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

Ufficcjal mill-Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

**1. Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

a. Fil-bidu tal-laqgha r-rapprezentant tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara staqsa x'inhi l-pozizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara f'din il-laqgha kif ukoll fir-rigward tad-direttiva tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali mahruga fid-19 ta' Lulju, 2011 fejn id-Dipartiment esiga li l-Kumitat ikun involut fil-process shih tal-Bord tal-Ghazla.

b. Is-Sindku wiegeb li ghal din il-laqgha, kif jirrizulta mil-Ligi, ir-rwol hu wiehed ta' osservatur.

c. Ir-rapprezentant tal-Kappara staqsa mill-gdid dwar x'wassal biex il-Kumitat ma kien involut fl-ebda parti mill-process tal-ghazla.

d. Is-Sindku semma li dan sehh ghaliex il-Kunsill ma kellux cans jiltaqa biex ikun jista' jiehu decizjoni formali fuq id-direttiva tad-Dipartiment, u jifhem li dan jista' potenzjalment johloqx twaqqief tal-process tal-ghazla.

e. Ir-rapprezentant tal-Kappara ghamel ukoll referenza ghar-rapport li kellu jigi sottomess, liema rapport ma kellux kopja tieghu u staqsa jekk dan kienx mghoddi mal-agenda kif suppost.

f. Filwaqt li Membri tal-Kumitat tal-Ghazla sahqu li dan kien lest u giet mibghut b'email, Membru iehor qalet li ma kinitx ircivietu.

g. Mistoqsi, l-Agent Segretarju Ezekuttiv semma li hu ma kienx gie moghti kopja tar-rapport u li ghalih ghamel referenza ghal dan mal-email li kienet giet iccirkolata l-agenda.

h. Is-Sindku ikkonferma dak li qal l-Agent Segretarju Ezekuttiv u sahaq li l-Kunsill irid jimxi mal-proceduri kif jirrizultaw minn Memo 53 tal-2011 kif ukoll li hu ma kellux kopja stampata tar-rapport.

i. Membru tal-Kunsill issugerixxa li jsir il-print tar-rapport issa, izda ma kienx hemm access ghall-ufficini.

j. Is-Sindku ppropona li tigi aggornata l-laqgha f'dan l-istadju, fejn jigi konkluz u ffirmat ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla u permezz tar-rapprezentant tad-Dipartiment fil-laqgha talab li tigi mighotija direzzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, liema decizjoni ma ttiehditx peress li l-Kunsill ma ltaqax u l-istess Bord baqa' ghaddej

bil-process tal-ghazla u jekk dan ifissirx li l-process tal-Bord tal-Ghazla ikun ifisser ksur tal-ligi u regolamenti relatati.

k. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

l. Ir-rapprezentant tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara informa lil Kunsill li l-Kumitat kien se jitlob formalment li jigi annullat il-process tal-ghazla peress li l-Kunsill ma mexiex mad-direttivi tad-Dipartiment.

m. Fis-6.30pm, is-Sindku aggorna l-laqgha ghal 24 ta’ Awwissu, 2011 fil-5.30pm.

Konfermati, illum ________________________, 2011

______________________ ______________________

Etienne Bonello DuPius
Sindku

Adrian Mifsud
Agent Segretarju
Eżekuttiv